

4. Il-Parlament Ewropew għandu jbatis l-ispejjeż sostnuti fil-Kawża T-374/20.

(¹) ĠU C 303, 08.08.2022.
ĠU C 310, 02.08.2021.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 – Jean-François Jalkh vs
Il-Parlament Ewropew**

(Kawża C-82/22 P) (¹)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament Ewropew – Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitatiet tal-Unjoni Ewropea – It-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 – Deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità Parlamentari – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2023/C 112/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Jean-François Jalkh (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Dumbrăvan u N. Lorenz, aġenti)

Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.
2. Jean-François Jalkh huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.

(¹) ĠU C 138, 28.3.2022.

Appell ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2022 minn quinoccio-Compañía de Comercio Exterior, SL mid-digriet mogħi mill-Qorti Ġeneral (l-Ewwel Awla) fid-9 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-493/21, Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-527/22 P)

(2023/C 112/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior SL (rappreżentanti: D. Luff, avukat, u R. Sciaudone, avvocato)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-14 ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell ġie miċħud bħala manifestament infondat u li Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior SL għandha tbat l-ispejjeż tagħha.
